2024/2086

26.7.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW (UE) 2024/2086

tal-24 ta' Lulju 2024

li taħtar ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 18(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/1330 [1] ħatret lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, is-Sur Josep BORRELL FONTELLES, sal-31 ta' Ottubru 2024.

(2) Jenħtieġ li jinħatar Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għall-perjodu mit-tmiem il-mandat attwali tal-Kummissjoni Ewropea sal-31 ta' Ottubru 2029.

(3) B'ittra tat-22 ta' Lulju 2024, il-President elett tal-Kummissjoni qablet mal-ħatra tas-Sa Kaja KALLAS bħala Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

(4) F'konformità mal-Artikolu 17(7), it-tielet subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-President, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-membri l-oħra tal-Kummissjoni huma soġġetti bħala grupp għal vot ta' approvazzjoni mill-Parlament Ewropew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sa Kaja KALLAS hija b'dan maħtura Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għall-perjodu mit-tmiem il-mandat attwali tal-Kummissjoni sal-31 ta' Ottubru 2029.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2024.

Għall-Kunsill Ewropew

Il-President

C. MICHEL

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/1330 tal-5 ta' Awwissu 2019 li taħtar ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, (ĠU L 207, 7.8.2019, p. 36).